# Għajn il-Bniedem.

Naħseb li ma nkunx qiegħed ingħaġġibha meta ngħid li *għajn il-bniedem* hija waħda mill-aktar ħwejjeġ sbieħ li ħalaq Alla. Sabiħa fis-sens *attiv* kemm *passiv.* Il-ħakma tagħha fuq il-ħajja tal-bniedem hija kbira u ta' fejda bla tarf. Dak li tara l-għajn f'leħħa ta' berqa, jista' jbiddel ħajja sħiħa ta' bniedem f'kemm ilna ngħidu: Minn għani tagħmlu fqir, jew minn fqir, għani; minn hieni, imnikket u qalbu sewda; minn tajjeb, ħażin u ħajjen.

Il-għajn tal-kittieb tkabbarlu l-fantasija kif żġieġa fotografika l-aktar ċkejkna toħroġ minnha suriet imkabbra ta' kull daqs li jikxfu kull ħaġa mistura. U dik l-istess għajn li bil-għajnuna tagħha dak il-kittieb ikun kiteb rumanzi u poeżijiet li jgħaxxqu, hija n-nfisha, meta tħares lejha, ma fiha xejn x'jiġbdek, mhux biss, imma tista' tkun kerha, imkemmxa, nofsha mejta.

U, bil-maqlub, kultant niltaqgħu ma' xi tfajla li għandha għajnejha jsaħħru. Żewġ għajnejn qishom kwiekeb, lewnhom igħaxxaq, imberflin b'xagħar twil u mibrum, żewġ għajnejn, f'kelma waħda, li jgħidulek: "Tħaresx lejja jekk trid tibqa' hieni" jew "Ersaq lejja jekk int trid il-ħajja". Imma dawk il-għajnejn ta' għamla hekk ħelwa, jagħmlu sehem minn ras li ma tafx taħseb, minn qalb li ma tafx tħobb, minn ruħ li ma tafx tħoss. Misteru !

X'ngħidu mbagħad għal dik li nsejħulha "għajn ħażina?" Nies li għandhom din ix-xniegħa kulħadd jibża' minnhom u l-kelb il mismut igħidlek li "għajn ħażina" b'ħarsitha taqsam mera.

Il-għajn hija l-mera tar-ruħ u nistgħu għalhekk insejħulha t-tieni fomm tal-bniedem. Din hija ħaġa li ħadd ma jista' jiċħadha. Bniedem tajjeb jew ħażin, ġiefi jew ta' ħila, giddieb jew li jgħid is-sewwa, jista' jinqabad minn għajnejh.

Din it-tagħrifa ċkejkna semmejtha "għajn il-bniedem" iżda tgħodd ukoll għal għajn l-annimali. Ħarsu ftit lejn il-ljun, il-jena, il-kelb, l-ajkla, il-baqra. Ifhmu l-ħarsa tagħhom u tkunu tafu malajr in-Natura ta' kull wieħed minnhom.

Tabilħaqq il-għajn hija l-mera tar-Ruħ.

Nagħtu daqqa ta' għajn lejn iż-żminijiet imgħoddja—meta d-dinja kienet medhija mhux fil-makkinarju u fl-elettriku imma fis-snajja' tal-ġmiel—li ħallewlna bħala tifkira xogħlijiet ta' tinqix u pittura li l-artisti tal-lum jew ma jafux jew ma jridux jagħmlu bħalhom. Kienu jewwilla dawn ix-xogħlijiet jeżistu li kieku l-għajn ta' dawn l-artisti ma kinetx fl-aqwa tal-ħidma tagħha, ħidma li ġiebet magħha lehma u għamil ?

Imma kemm fiż-żminijiet l-imgħoddija, kif ukoll f'dawk tal-lum u l-oħrajn li għad iridu jgħaddu minn fuq id-dinja, kemm kienet titlef mis-sbuħija tagħha n-Natura li kieku għajn il-bniedem kienet ħaġa mejta ?

X'jiswew il-fjuri la ħadd ma jista' jarahom ? Għalfejn dak iż-żerniq tax-Xemx li jħallik tħares lejh miblugħ, dawk il-ljieli ta' ħemda, dak is-saqaf tas-sema sfiq bil-kwiekeb ? Xi ħjiel kienu jħallu f'moħħ il-bniedem l-imsaġar u l-baħar, dak il-baħar li jhenni u jwaħħax ?

Xejn !... Xejn!...

Xtaqt li kont Tabib biex nikteb ukoll kelmtejn fuq "*għajn il-bniedem*" min-naħa fisjoloġika, imma, la miniex aħjar niskot. B'dana kollu iżda hija ħaġa magħrufa minn kulħadd li dan l-istrument huwa wieħed mill-iżjed mirqumin u midlelin li għandu l-bniedem, imma, jaħasra ! ftit nagħtu kontu. Meta qatt, jekk wieħed ma jkollux għajnejh juġgħuh b'xi riħ jew tinġis, jiġih f'rasu li jaħsilhom, imqar bi ftit ilma frisk, kif jaħsel kuljum snienu ? Meta qatt il-bniedem imur iżur tabib jekk mhux meta l-ħars ikun beda jaqdih ħażin għal kollox ?

Dnub !... Dnub kbir !...

Dik il-makna tar-ritratti—il-makna l-iżjed perfezzjonata, b'dijaframma tal-għaġeb—għandha tkun għażiża għalina għax hija għajn ta' ħafna ħsibijiet u għemejjel li minnhom, ta' sik-wit, tiddependi l-ħajja tagħna : L-istudju fiż-żgħożija; il-għażla tas-sieħba li trid taqsam magħna f'irġulitna, kull ġid u kull ħsara; il-faraġ ta' wlied uliedna meta nixjieħu; l-aħħar tislima lid-dinja meta naslu... biex insiefru għad-dinja l-oħra.

Ivo Muscat-Azzopardi

Lixandra.